UFFIĊĊJU TAD-DEPUTAT
PRIM MINISTRU
MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET EWROPEJ

SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦALL-PRESIDENZA UE 2017 U GĦALL-FONDI EWROPEJ

MALTA

UFFIĊĊJU TAD-DEPUTAT
PRIM MINISTRU
MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET EWROPEJ

SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦALL-PRESIDENZA UE 2017 U GĦALL-FONDI EWROPEJ

*Id-Diviżjoni għall-Fondi u Programmi*

*Id-Diviżjoni għall-Fondi u Programmi*

21 ta' Marzu 2016

**Awtorità ta' Ġestjon, Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)**

**Ċirkolari 01/2016**

**Suġġett: Obbligu ta' Wara l-Proġett – Programm ta' Żvilupp Rurali 2007-2013**

Għażiż Benefiċjarju,

Fid-dawl tal-għeluq tal-Programm ta' Żvilupp Rurali 2007-2013, nixtiequ nfakkruk dwar l-obbligi tiegħek ta' wara l-proġett skont il-kuntratt iffirmat mal-Aġenzija tal-Pagamenti Agrikoli u Rurali jew mal-Awtorità ta' Ġestjon u skont l-istruzzjonijiet fl- Artikolu 71 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill :

1. Il- Benefiċjarju għandu jħallas lura l-kontribuzzjoni mill-FAEŻR jekk fi żmien ħames snin mill-aħħar pagament lill-benefiċjarju jew fil-perjodu ta' żmien stabbilit fir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, fejn applikabbli, ikun suġġett għal kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

   I) ċessjoni jew rilokazzjoni ta' attività produttiva barra miż-żona tal-programm;

   II) bidla fis-sjieda ta' oġġett ta' infrastruttura li jagħti vantaġġ mhux dovut lil kumpanija jew korp pubbliku;

   III) bidla sostanzjali li taffettwa n-natura, l-objettivi jew il-kundizzjonijiet tal-implimentazzjoni tiegħu li jirriżultaw fl-imminar tal-objettivi oriġinali tiegħu.

2. Obbligi oħra dwar l-assi u t-tagħmir:

   I) Jekk jinsteraq kwalunkwe tagħmir, il-Benefiċjarju kkonċernat għandu jħejji rapport tekniku u anke jirrapporta l-inċident lill-Pulizija, filwaqt li jżomm kopja tar-rapport maħruġ minn dawn tal-aħħar. Anke f'dan il-każ, il-benefiċjarju għandu jissostitwixxi dan it-tagħmir, b'mod speċjali jekk l-oġġett ikun insteraq minħabba negliġenza.

   II) Jekk tirriżulta kwalunkwe ħsara f'xi assi, id-dokumentazzjoni kollha relatata mat-tiswija trid tinżamm u meta jkun meħtieġ li dawk l-assi jiġu sostitwiti, huwa importanti li d-dokumentazzjoni kollha tinżamm fil-fajl.

   III) Jekk l-assi jiġu sostitwiti, iridu jinżammu kemm in-numri tas-serje l-antiki kif ukoll il-ġodda.

   IV) Jekk xi assi jkunu difettużi u / jew bil-ħsara u jiġu sostitwiti bi spejjeż għall-fornitur jew il-benefiċjarju – kemm jekk taħt il-garanzija kif ukoll jekk le – l-assi ta' sostituzzjoni jridu jwettqu l-istess funzjoni u jkunu tal-istess speċifikazzjonijiet jew aħjar mill-assi li qed jiġu sostitwiti.

V) Il-rilokazzjoni tal-assi jeħtieġ li tiġi riflessa fl-inventarju.

3. Barra minn hekk il-benefiċjarji huma obbligati li:

I) Jżommu għal perjodu ta' ħames snin mit-tmiem tal-proġett id-dokumentazzjoni kollha relatata mal-Proġett fil-Fajl tal-Proġett;

II) Jżommu fuq is-Sit tal-proġett l-Attivitajiet tal-Proġett kollha ffinanzjati mill-Miżura;

III) Bi spejjeż tagħhom biss, jiżguraw li l- infrastruttura ffinanzjata tinżamm f' kundizzjoni tajba.

IV) Inventarju ffirmat, li jelenka kwalunkwe oġġett mixtri b'rabta mal-proġett, għandu jiġi kkompilat u miżmum għand l-entità rispettiva.

4. Pubbliċità- F'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 808/2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), il-benefiċjarju huwa obbligat josserva dan ir-rekwiżit li ġej:

- Għall-operazzjonijiet li n-nefqa pubblika għalihom taqbeż l-€ 10 000 u skont xi tkun l-operazzjoni ffinanzjata tal-inqas kartellun wieħed b'informazzjoni dwar l-operazzjoni (daqs minimu ta' A3) li jenfasizza l-appoġġ finanzjarju mill-Unjoni, f'post viżibbli;

- Għal operazzjonijiet li n-nefqa pubblika għalihom taqbeż il-€ 50 000, il-benefiċjarju għandu jpoġġi plakka ta' spjegazzjoni b'informazzjoni dwar il-proġett, li tenfasizza l-appoġġ finanzjarju mill-Unjoni - plakka ta' spjegazzjoni għandha tiġi installata wkoll fil-bini tal-gruppi ta' azzjoni lokali ffinanzjat minn LEADER;

- Għal operazzjoni li tikkonsisti mill-finanzjament tal-infrastruttura jew l-operazzjonijiet ta' kostruzzjoni li għalihom n-nefqa pubblika totali taqbeż il-€ 500 000; mhux aktar tard minn tlett xhur wara li titlesta operazzjoni, il-benefiċjarju għandu jpoġġi plakka jew billboard permanenti ta' daqs sinifikanti f'post li l-pubbliku jkun jista' jarah faċilment.

  Il-billboards u l-plakek, skont kif applikabbli, għandhom juru l-isem u l-objettiv prinċipali tal-operazzjoni, u jenfasizzaw l-appoġġ finanzjarju mogħti mill-Unjoni. Dik l-informazzjoni għandha tokkupa tal-inqas kwart mill-billboard jew plakka.

Nixtiequ nħeġġu lill-benefiċjarji kollha jiżguraw li dawn it-termini t'hawn fuq jiġu osservati; jekk xi waħda minn dawn il-kundizzjonijiet tiġi miksura, l- awtoritajiet rilevanti jkunu kostretti li jirkupraw kwalunkwe Fondi b'mod parzjali jew sħiħ li jkunu tħallsu lill - Benefiċjarju.

Dejjem tiegħek,

Is-Sur Raphael Scerri
Kap tal-Awtorità Maniġerjali
Id-Diviżjoni għall-Fondi u Programmi

Dr Justin Zahra
Kap tal-Aġenzija tal-Pagamenti Agrikoli u Rurali

Segretarjat Parlamentari għall-Presidenza UE 2017 u għall-Fondi Ewropej
Triq il-Kukkanja, Santa Venera. SVR 1411
NUMRU TAT-TELEFON: +356 2200 1108 FAKS: +356 2200 1141
WEBSAJT: www.eufunds.gov.mt EMAIL: fpd.meaim@gov.mt